MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2004

Rikors Numru. 451/1997/1

Joseph Fiorentino
vs
Malta Information Technology and Training Services Limited.

Illum 28 ta' Ottubru 2004

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors ipprezentat mill-attur fid-9 ta' Settembru 1997 fejn wara li ppremetta illi bhala impjegat l-ewwel tal-Computer Centre, is-swatar, u wara tal-Management Systems Unit Ltd. Garrab ingustizzji bejn Mejju 1987 u Mejju 1995 billi gie mcahhad minn promozzjonijiet ingustament.

Illi f'Mejju 1988 ir-rikorrent applika ghall-post ta' Systems Analyst fil-Computer Centre swatar u ghalkemm kien l-aktar kwalifikat fost l-applikanti, mil-lat ta' esperjenza,

kapacita` u seniority huwa gie imqieghed fil-hames post. Huwa kien diga Programmer II waqt li tlieta li tqeghdu qablu kienu fi grad inferjuri. Huwa kellu l-kwalifiki rikjesti. Infatti huwa kellu “considerable experience in Commercial programming preferably in Cobol” kif kien mitlub mill-applikanti ghaliex huwa kien ilu jikteb programmi ghal aktar minn hames snin fuq diversi sistemi specjalment bil-Cobol. Huwa kien ghamel il-programm bis-sistema gdida tal-Inland Revenue, il-programm tal-“conversion” tal-istess sistema tat-Treasury Wages System, Law Courts Monitoring System u kien reponsabbli tac-Census of Population u tal-I.M.F. Huwa kellu wkoll requirement iehor mitlub mill-applikanti u cioe’ “comprehensive and workable knowledge of systems analysis and design procedures” u kien huwa l-uniku wiehed mill-applikanti li kien zviluppa sistema mill-fazijiet kollha taghha ta’ Analysis. Design, Programming and Implementation tal-Wireless Telegraphy. Ftit taz-zmien wara, ir-rikorrent gie kklassifikat l-ewwel fost l-applikanti kollha f’ezami fil-Structured Systems Analysis & Design Methodology.

Illi f’Marzu 1994 ir-rikorrent applika ghall-kariga ta’ Project Manager Designate fl-Information Systems Division tal-Management Systems Unit Ltd, u rega gie maqbuz ingustament minnkejja li kien huwa l-aktar kwalifikat. Minfloku intghazlet persuna li tlett xhur qabel ma kienx intghazel ghall-kariga ta’ Project Leader, u li kienet ‘junior’ ghar-rikorrent ghaliex fil-1993 ir-rikorrent kien diga Project Leader mentri min intghazel kienet Senior Systems Analyst. Ir-rikorrent kellu hafna aktar esperjenza mill-persuna maghzula ghaliex kien zviluppa sistema ikbar u ir-rikorrent kien ukoll jaghmel hafna mix-xoghol ta’ Project Manager kien responsabbli ghal hames Programmer/Analysts u Systems Analyst, kien jaghmel ‘project plans’, jissorvelja lin-nies tat-‘team’ u jqassam ix-xoghol lilhom. Fil-fatt il-persuna maghzula minflok ir-rikorrent ma instabitx tajba u tnehhiet ftit tax-xhur wara izda xorta wahda r-rikorrent ma nghatax il-kariga ta’ Project Manager Designate.

Illi f’Mejju 1995 ir-rikorrent rega’ garrab ingustizzja meta ma giex maghzul ghall-kariga ta’ Project Manager,

minkejja li kien l-aktar wiehed addattat ghal dik il-kariga u minfloku intghazel haddiehor sempliciment ghaliex dan kien “involved in the tender for the hardware” tal-progett. Din ma kienetx raguni valida u serja. Di piu` min intghazel kien jahdem mat-Technical Infrastracture Services Group, fejn in-natura tax-xoghol huwa ghal kollox differenti minn dak ta’ l-Information Systems Division fejn ix- xoghol huwa aktar relatat mal-Systems Development u l-post kien appuntu ta’ Project Manaager (Document Imaging) fl-Information Systems, milli huwa relatat mal-“hardward”. Inoltre ir-rikorrent kien ilu jizviluppa sistema tal-komputers ghal aktar minn tnax -il sena u kellu esperjenza jizviluppa l-aktar sistemi komplessi f’Malta bhal dik tat-Taxxi Interni fl-1989 fil-waqt li l-persuna li intghazlet flok ir-rikorrent aktarx li ma kienetx ghadha zviluppat sistema wahda.

Illi r-rikorrent hassu aktar aggravat bit-trattament li ircieva fl-impieg tieghu ghaliex huwa dejjem ghamel ix-xoghol tieghu bl-akbar attenzjoni b’effeicjenza u f’mumenti u fazijiet li kienu verament difficli biex ix-xoghol jitlesta fiz-zmien stipulat. Cioe nonostante huwa inqabez ingustament.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilmenti msemmija skond l-Att VIII tal-1997 u jiddikjara li r-rikorrent garra ingustizzja meta ma nghatax il-kariga ta’ Systems Analyst fil-1988 garrab ingustizzja meta ma nghatax il-post ta’ Project Manager Designate fil-1994 u meta ma nhatarx Project Manager fil-1995 u jiddeciedi li r-rikorrent ghandu jinaghta rimedju billi ghandu jitqies li ghandu l-kariga ta’ Project manager u ghandu jinghata kumpens ghat-telf li sofra billi gie mcahhad mill-promozzjonijiet imsemmija u li fin-nuqqas ta’ dan it-Tribunal ghandu jiddecidei li r-rikorrent ghandu jinghata kumpens fl-ammont ta’ Lm5000 biex jaghmel tajjeb ghat-telf kollu li huwa sofra u ser isofri mhabba l-ingustizzji li huwa garrab.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra l-korezzjonijiet maghmula f’dan ir-rikors a fol 13.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta’ Malta Information Technology And Training Services Limited illi wiegbet:

1. Illi s-socjeta intimata ma tistax validament tinsab responsabbli ghall atti li sehhew qabel ma l-istess socjeta` giet validament kostitwita fit-13 ta’ Novembru 1990.

2. Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghas-suespost s-socjeta` intimata ma tistax tinzamm responsabbli ta’ atti allegatament kommessi minn terzi persuni u entitajiet li ma hijiex responsabbli ghalihom is-socjeta` intimata.

3. Illi ma saret l-ebda ingustizzja mar-rikorrent da parti tal-intimat stante li d-decizjonijiet li ttiehdu dejjem ittiehdu wara bosta konsiderazzjonijiet oggettiva fl-ahjar interess tas-socjeta` intimata kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza u kwindi ghalhekk it-talbiex tieghu ghandhom jigu michuda.

4. Illi in subsidium u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jaghti jispjega b’mod car kif qieghda tintalab ic-cifra ta’ Lm5000.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-lista tax-xhieda ta’ l-intimat.

Ra n-nota tas-socjeta` intimata tas-6 ta’ April 1999 fejn qajmet kwistjoni ta’ gurisdizzjoni peress illi r-rikorrent kien diga pprezenta kaz tieghu quddiem il-Kummissjoni ghall-investigazzjoni ta’ Ingustizzji.

Ra s-sentenza tieghu in parte tat-12 ta’ Lulju 1999 fejn cahad l-eccezzjoni ta’ nuqqas ta’ gurisdizzjoni u ordna l-prosegwiment tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f'din il-kawza r-rikorrent qed jilmenta minn tlett affarijiet. Wahda li ma nghatax il-post ta' Assistant Analyst fl-1988, illi ma giex mahtur Project Manager Designate fl-1994 u Project Manager fl-1995.

Irrizulta mill-provi illi wara li r-rikorrent dahal jahdem mal-Gvern fil-pozizzjoni ta' clerk grade I specjalizza fil-qasam tal-kompjuterizzazzjoni u ntbaghat jahdem fil-Governement Computer Centre is-Swatar Had-Dingli, l-ewwel bhala Programmer I imabghad gie promoted ghal programmer II u bejn l-1988 u 1993 bhala Assistant Analyst. Din l-ahhar hatra kienet soggetta ghal interview li kienu hadu parti 15 –il ruh. Ir-rikorrent gie il-hames post u jghid illi saret diskriminazzjoni fil-konfront tieghu ghax hu kien l-ahjar wiehed u dan il-hames post seta' jservih ta' xkiel ghall-applikazzjonijiet sussegwenti ghal hatriet aktar gholja.

Dwar dan il-posting ta' System Analyst, Emanuel Camilleri li kien Kap tal-Computer Centre bejn 1985 u 1994 jirikonoxxi li r-rikorrent kien wiehed mill-ahjar haddiema li kellu. Kien habrieki, puntwali u efficjenti fuq ix-xoghol tieghu, pero` ma kienx necessarjament l-ahjar wiehed, kellu ohrajn li kienu tajbin. Mistoqsi dwar Ray Mifsud, Tony Sultana, Mario Spiteri u Silvio Busuttil l-erba' kandidati li gabu l-'placings' qabel dak tar-rikorrent Emanuel Camilleri jghid li jafhom bhala 'high flyers', jafhom bhala nies tajbin. Jaf ukoll illi r-rikorrent kien ha kors ghal Structure Systems Analysis & Design Methadology f'liema kors huwa kkwalifika l-ewwel, pero` kienx kwalifikat aktar mill-ohrajn ma jistax jghid.

Mill-bqija ma rrizulta xejn dwar il-hatra tal-1988 li saru xi rregolaritajiet fil-pozizzjoni li kien ha r-rikorrent wara l-interview u t-Tribunal ma jarax kif din is-sitwazzjoni setghet affettwat l-applikazzjonijiet l-ohra li saru fl-1994 u fl-1995.

Ikkunsidra

L-applikazzjonijiet ghal Project Manager Designate fl-1994 u Project Manager ta' l-1995 huma aktar problematici.

M'hemmx dubju illi r-rikorrent huwa kapaci hafna fix-xoghol tieghu u ghandu esperjenza vasta. Kien strumentali fit-twettiq ta' progetti kbar bhal il-kompjuterizzazzjoni ta' l-Inland Revenue, Wireless & Telegraphy, il-bidu tal-kompjuterizzazzjoni tal-Qorti u l-Wages System. Minkejja illi f'dan ix-xoghol sar xi tibdil u updating pero` t-Tribunal jirrikonoxxi x-xoghol siewi u fiedi illi ghamel ir-rikorrent f'dawn il-qasmiet. Meta s-socjeta` intimata li giet iffurmata fit-13 ta' Novembru 1990 fethet applikazzjonijiet ghal Project Manager Designate, wahda mill-kweziti kienet illi l-applikant irid ikollu edukazzjoni terzjarja. Minkejja illi r-rikorrent waqqaf l-edukazzjoni skolastika tieghu mal-O levels, jidher illi kompla l-edukazzjoni post sekondarja tieghu bl-akkwist tal-BCS li tfisser 'British Computer Society.' Skond id-dokument a fol 40 ir-rikorrent qieghed fil-pusses ta' din il-kwalifika u hija konsidrata bhala degree. Jidher li l-interviewing board li kien kompost minn Paul Caruana u Margaret Alder ma hadux in konsiderazzjoni dan id-degree u qiesu lir-rikorrent li ma kellux edukazzjoni terzjarja u ghalhekk intaghzlet Gloria Cassar. It-Tribunal lanqas m'ghandu dubji dwar il-kapacitajiet ta' din ta' l-ahhar. Din hija gradwata mill-Universita` ta' Malta u hija wkoll Assosiate Member tal-British Computer Society, pero` zgur li ma kelliex l-esperjenza illi kellu r-rikorrent.

Jidher ukoll illi Margaret Alder ma tantx uriet simpatija lejn ir-rikorrent, u filwaqt li tirikonoxxi ir-rwol tieghu fl-Inland Revenue tghid li huwa "some what thin on the ground on Management Concept, tools and skills." Ghalhekk irrakomandat illi Gloria Cassar kellha l-ahjar potenzjal ghal hatra ta' Project Manager. Ir-rikorrent jallega li Cassar ma kinitx success f'dan il-qasam tant illi ftit taz-zmien wara giet demoted. It-Tribunal wasal ghal konkluzzjoni illi dan ma kienx minnu.

Kif spjega Rueben Portanier Human Resources Manager mal-MITTS, (fol 72) wara li Gloria Cassar hadet il-hatra ta' Project Manager Designate, saret re-classification fid-Dipartiment li affettwa l-pozizzjonijiet jew hatriet izda mhux il-persuni. Ghalhekk il-grad ta' Project Manager Designate gie ri-klassifikat ghal Project Leader. Ghalhekk

ma jistax jitqies bhala demotion fil-konfront taghha. Hu x'inhu, t-Tribunal jibqa' perpless illi Margaret Alder waslet ghal konkluzzjoni li r-rikorrent kien "thin on the ground on Management Concepts" meta kellu rwoli daqshekk importanti fl-Inland Revenue bil-kumplikazzjonijiet kollha li din holqot biex jigi mwettaq il-komputerizzazzjoni ta' dak id-Dipartiment. Mhux facli li timmanigja post bhal dak u taghmel deployment daqshekk sofistikat minghajr ma jkollok Management Concepts, tools and skills.

Paul Caruana li huwa l-Ex Human Resources Executive mal-MITTS a fol 171 jaqbel mal-konkluzzjoni li waslet ghaliha Margaret Alder u kien involut fl-ghazla tal-'Project Manager Designate' u jghid li giet maghzula Gloria Cassar ghax kellha edukazzjoni terzjarja. Fuq domanda jekk kienx influwenzat minn xi hadd f'din l-ghazla Caruana jghid illi le. Fi kwalunkwe kaz, huwa kien organizza l-interview ghal post ta' Project Manager fl-1995. It-Tribunal hawnhekk jirrileva illi l-applikazzjoni ghal din il-hatra saret f'Marzu 1995 marginalment qabel ma ghalaq it-terminu ghal konsiderazzjoni ghat-terminu tal-kompetenza ta' dan it-Tribunal. Peress li l-konsegwenzi ta' din l-applikazzjoni baqghu sejrin wara l-15 ta' Mejju 1995, it-Tribunal jidhirlu li xorta ghandu jinvestiga ghax mhux sewwa li din tithalla mdendla minghajr ma ssir decizjoni dwarha. Ghalhekk it-Tribunal sejjer ukoll jikkonsidra din l-applikazzjoni ghal Project Manager li saret fl-1995.

Kif diga inghad, Paul Caruana kien il-persuna li organizza l-interview u kien parti mill-interviewing panel ma Ms Margaret Alder. F'dan il-kaz kien intaghzel Noel Xuereb u ghax kellu l-kwalifiki terzjarji u specjalizzat fil-qasam tad-document imaging. Mistoqsi dwar ir-ranking ta' Noel Xuereb, Caruana jiddiskrivih "…. Head and shoulders above the rest." It-Tribunal hawnhekk jinnota illi l-ghazla ta' Xuereb kienet ghal kwalifiki tieghu. Minbarra l-edukazzjoni sekondarja, Xuereb attenda il-'Fellenberg Training Centre' u ha kors ukoll mal-'University of Nuerenberg for Eletronic Engineers' u skond hu stess gie moghti certifikat "equivalent to 2 A levels" (fol 168). Filwaqt li t-Tribunal ma jiddubitax dwar il-meriti ta' Noel

Xuereb pero` dawn il-kwalifiki zgur mhumiex superjuri ghal BCS, pero` kif diga inghad, r-rikorrent ma tantx halla impressjoni tajba ma Ms Margaret Alder. Fil-fatt a fol 178 Paul Caruana jghid testwalment "Qed nigi mistoqsi jekk dwar l-impressjoni tal-bord dak iz-zmien meta deher quddiemna r-rikorrent nghid li jiddispjacini nghid li ma tantx kienet tajba u niddeskrivi partikolarment l-impressjoni ta' Margaret Alder li kellha mpressjoni fqira tieghu."

Rigward l-opinjoni personali tieghu a fol 179 Paul Caruana fost affarijiet ohra jghid "….waqt l-interview illi meta deher quddiemna s-Sur Fiorentino komparat ma kandidati ohra ma kienx daqshekk kunfidenti u anki fir-rigward li jkun jaf ezatt x'ihuwa x-xoghol ta' Project Manager." Kien forsi ghalhekk illi l-bord iddecieda li jaghti l-hatra lil Noel Xuereb. It-Tribunal pero` jqis li l-bord injora ghal kollox l-esperjenza vasta illi kellu r-rikorrent fil-qasam tax-xoghol tieghu kif ukoll il-kwalifiki li kellu, veru li r-rikorrent mhuwiex gradwat mill-Universita` ta' Malta u lanqas m'ghandu A levels. Pero` t-Tribunal ma jistax jinjora l-BCS li huwa akkwista sussegwentament, li kellha tigi kkunsidrata mill-bord ta' l-ghazla. Ma jirrizultax minn Paul Caruana jew minn Margaret Alder illi huma hadu din il-kwalifika fil-konsiderazzjonijiet taghhom. Meta Margaret Alder xehdet a fol 67 tal-process kienet ferm evaziva u nebuluza fir-risposti taghha u marret tinheba wara lapsus fil-memorja billi ddikjarat li ma tiftakar xejn dwar dak illi gara fl-1994 u 1995. Naturalment dan ma jhallix pressjoni tajba fuq it-Tribunal. Bhala Systems Development Manager ma l-ex MSU kellha tkun fem aktar lucida fir-risposti taghha. Madankollu t-Tribunal jidhirlu illi jekk kien hemm xi dubju dwar il-hatra ta' Project Manager Designate fl-1994 peress illi Gloria Cassar kellha l-edukazzjoni terzjarja b'degree mill-Universita` ta' Malta, zgur li tali hatra ma kelliex tigi negata lir-rikorrent fl-1995. Ma jistax jifhem kif il-bord seta' jasal ghal konkluzzjoni li r-rikorrent ma kienx jaf x'inhu ezatt ix-xoghol ta' Project Manager (fol 179) meta huwa kellu dik l-esperjenza kollha u kien involut f'oqsma daqstant fondamentali ghad-Dipartimenti ta' l-Istat.

L-unika gustifikazzjoni li t-Tribunal jista’ jaghti lil bord tinsab fl-istess applikazzjoni tar-rikorrent (fol 163) meta huwa applika ghal Project Manager (Document Imaging) u jghid li huwa ma kellux esperjenza f’dan il-qasam ta’ document imaging. Pero` huwa herqan illi jitghallem aktar f’din it-teknologija daqshekk ricenti. Paul Caruana jghid li l-ghazla ta’ Noel Xuereb kienet il-ghaliex huwa kien specjalizzat fil-qasam ta’ document imaging. It-Tribunal ra s-cv li pprezenta Noel Xuereb u min imkien ma jirrizulta illi dan ghandu xi qasam specjali fid-document imaging. Jekk forsi l-bord kellu xi fonti ta’ informazzjoni x’imkien iehor dan it-Tribunal ma jafx, pero` mill-atti tal-process ma jirrizultax illi Noel Xuereb ghandu xi specjalizzazzjoni fil-qasam ta’ document imaging. Fi kwalunkwe kaz, t-Tribunal jidhirlu illi l-ilment tar-rikorrent illi ma nghatax it-titlu ta’ Project Manager fl-1995 hu gustifikat u ghalhekk dan il-bord jasal ghal konkluzjoni illi jilqa’ t-talba tar-rikorrent limitatament ghal hatra ta’ Project Manager u jordna lis-socjeta` intimata illi ttih din il-hatra b’effett mill-1995 meta saret il-hatra ta’ Noel Xuereb minghajr pregudizzju ghall-promozzjonijiet ohra li setghu nghataw wara dik id-data. Fin-nuqqas, it-Tribunal jiddeciedi illi r-rikorrent ghandu jinghata kumpens fl-ammont ta’ Lm3000 biex jaghmel tajjeb ghat-telf li huwa sofra minhabba l-ingustizzji li huwa garrab.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------